TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 118/12-F

**Daniela Messina Ferrante**
**vs**
**Kevin Micallef – Mica Bliss**

Illum 26 ta' Frar, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Mejju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' śitt mija, u tnejn u tmenin ewro (€682), rappreżentanti ħprezz ta' qattus li wara ftit din il-qattus miet.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat qattus fl-ammont ta' sitt mitt ewro (600), u wara ftit is-saħħa tal-qattus bdiet sejra għal ħażin u eventwalment miet xi xahrejn wara li kien inxtara.

L-intimat issottometta illi l-qattus ma kellu l-ebda difett moħbi fil-mument tal-bejgħ u huwa t-tort tar-rikorrenti u li l-qattus marad minħabba xi ħaġa wara li kien inxtara u mhux minn qabel.

**It-Tribunal jinnota illi:**

Mill-awtopsja tat-tabib Dr Alex Schiro', jidher illi l-qattus miet b'dak li jgħidulu *general chronic sufferance in these organs* u t-Tribunal irid jipprova jistabilixxi jekk dan il-mard kien hemm meta inxtara l-qattus jew il-qattus ikkontratta xi riħ li eventwalment seta' qatlu.

Mill-provi kontradittorji li ġabu l-partijiet, prinċipalment fejn wieħed qed jgħid illi ftit wara li nxtara kien diġa' beda jimrad, waqt li min-naħa l-oħra qed jgħid illi dak li ġara kien wara.

It-Tribunal qed jgħid illi kien hemm *kidney failure* u kif ukoll kien hemm *liver jaundiced* li kienu affettwati. Illi għalkemm it-Tribunal mhuwiex espert fil-kamp tal-mediċina tal-annimali, pero' kellu l-opportunita' li jisma' diversi esperti f'dan il-każ.

Għaldaqstant, it-Tribunal iħoss illi hija diffiċli biex dan il-qattus imut fi żmien daqshekk qasir, jew li jikkontratta xi marda li toqtlu fi żmien daqshekk qasir.

It-Tribunal, iħoss illi l-qattus kellu xi ħaġa inerenti li ġegħelitu jimrad, illi għalkemm l-intimat mhux neċessarjament kien jaf b'dan il-mard li l-qattus kellu xorta kien hu stess illi biegħilha dan il-qattus.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

It-Tribunal jinnota li dan il-każ mhuwiex każ fejn id-dubji kollha li ġew sorvolati.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, filwaqt li qiegħed jikkonkludi li l-qattus kien marid, anke b'xi forma ta' xi mard ġenetiku dan ma kienx għal konoxxenza sħiħa tal-intimat, b'hekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' erba' mitt ewro (€400), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**